**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru 1032/2021 LC

**Aloysius Borg Falzon (K.I. 779157M)**
**Carmen Farrugia (K.I. 555M)**
**Mario Schembri (K.I. 202652M)**
**Irene Mifsud (K.I. 168861M)**
**Louis Schembri (K.I. 779257M)**
**Louis Borg Falzon (K.I. 347560M)**
**Joseph Borg Falzon (K.I. 399061M)**
**Ludwig Borg Falzon (K.I. 245379M)**
**Pauline Gatt (K.I. 96364M)**
**Brigitte Abela (K.I. 175867M)**
**Stephanie Camilleri (K.I. 227770M)**
**Paul Darmanin (K.I. 147556M)**
**Mary Anne Cutajar (K.I. 739958M)**
**Helen *sive* Eileen Darmanin (K.I. 603647M)**
**Mary Rose Caruana (K.I. 632045M)**
**Carmelo *sive* Lino Enriquez (K.I. 737749M)**
**Antonio Enriquez (K.I. 0737649M)**
**Paul Enriquez (K.I. 893846M)**
**Victor Calleja (Passaport tar-Renju Unit Nru. 528172423)**
**Mario Calleja (Passaport tar-Renju Unit Nru. 533297240)**
**u**
**Cecilia Curnow (Passaport tar-Renju Unit Nru. 515843846)**

**vs**

**Carmel *sive* Charles Attard (K.I. 46761M)**

Illum. 25 ta’ Settembru 2023

Il-Bord,

Ra r-rikors ta’ Aloysius Borg Falzon et fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

1. Jordna li jsir debitu test tal-mezzi tal-intimat u dan b’applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4A(3)(ċ) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Jagħti dawk l-ordnijiet li jidhirlu opportuni, skond ir-risultanzi tat-test tal-mezzi u ċioe, illi jekk ma jiġux sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi, jordna minnufih l-iżgumbrament tal-intimat mill-fond suriferit fi żmien perentorju stabbilit minn dan l-istess Bord skond il-liġi, u jillikwida l-kumpens dovut ai termini tal-artikolu 4A(4) tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta’ Malta u jordna lill-intimat jħallas il-kumpens hekk likwidat; JEW

3. Jekk jiġu sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi, jordna t-tkomplija tal-lokazzjoni relattiva, jistabbilixxi kundizzjonijiet ġodda rigward għall-ħlas tal-kera, u jiddikjara illi l-kera għandha tiġi riveduta għal 2% fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond 56, Triq it-Tramuntana kantuniera ma’ Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, b’effett mill-1 ta’ Jannar tas-sena 2021, u jordna sabiex il-kera titħallas mill-intimati hekk kif dikjarat;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni u mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi azzjoni oħra li tista’ talvolta tiġi preżentata.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tat-18 ta’ Frar 2022, fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi jridu jipprovaw it-titolu tagħhom u li huma waħedhom huma s-sidien uniċi tal-fond; (ii) il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV għandux jiġi applikat għal dan il-każ; (iii) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m’għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; u (iv) f’każ li l-inkwilini jissodisfaw it-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi fissata f’ammont ta’ mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra r-risposta ta’ Carmel sive Charles Attard (K.I. 0229735M) ta’ 56, Triq it-Tramuntana kantuniera ma’ Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-24 ta’ Novembru 2022, fejn sommarjament, jeċepixxi li:

*1.* Illi l-esponenti, *ai termini* tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta’ Bini (Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta’ Malta) jikkwalifika u jissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi u *ai termini* tal-istess Ordinanza, dan l-Onorabbli Bord li jirregola l-Kera għandu qabel ma jgħaddi għas-smigħ tal-mertu, jordna li jsir eżami tat-test tal-mezzi;

*2.* Illi wara li jsir it-test tal-mezzi kif stipulat fil-liġi, l-kera l-ġdida m’għandhiex tkun ogħla minn 2% tal-valur tal-propjeta skond l-Art 4A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta’ Malta;

*3.* Illi l-Liġi m’hix tassattiva f’dan il-perċentwal u li fl-umli opinjoni tal-esponenti ma jeżistux il-kriterji neċessarji sabiex dan l-Onorabbli Bord imur għall-massimu stabbilit bil-Liġi;

*4.* Illi l-Bord għandu jaħtar espert tekniku, biex jagħti valur tad-dar in kwistjoni, u li b'permezz tiegħu dan il-Bord għandu jikkalkula l-kirja l-ġdida;

*5.* Illi l-esponenti dejjem ottempora ruħu mal-obligazzjonijiet tiegħu bħala inkwilin, li jinkludi l-ħlas tal-kera u ż-żamma tal-proprjeta fi stat tajjeb;

*6.* Illi l-proprjeta hija l-unika residenza li għandu, fejn ilu joqgħod għal diversi snin, kif ukoll li hu m'għandux il-mezzi li jippermettulu biex ikollu proprjetà alternattiva;

*7.* Illi fis-16 ta' Diċembru tas-sena 2021, l-Atturi ntavolaw rikors għall-awment tal-kera *pendente lite* skond l-Artikolu 4A(6) ta' Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant l-esponent jitlob lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

1. Jiċħad it-talbiet kif kontenuti fiir-rikors tar-rikorrenti, bl-ispejjeż kontra tagħhom;

2. F'każ illi dan l-Onorabbli Bord jiddeċiedi li jipproċedi bil-proċedura stipulata f'Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, jappunta espert tekniku sabiex jasal għal veru valur tal-proprjeta in kwistjoni u f'każ li l-esponenti jissodisfa t-test tal-mezzi, l-kera l-ġdida m'għandiex tkun iktar minn tnejn fil-mija (2%) tal-valur tal-proprjeta kif stabbilita mill-espert maħtur minn dan l-Onorabbli Bord.

   Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tat-13 ta' Jannar 2022, fejn l-intimati wettqu it-test tal-mezzi ai termini tar-

Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Duncan Mifsud u l-Perit Joseph Saliba, ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakultà lis-sid tal-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidra;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimat huwiex l-inkwilin ta' dan l-istess fond.

Illi skond ma jirriżulta mid-Digriet erogat mill-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Volontarja), ir-rikorrenti huma lkoll werrieta ta' Luigi Borg Falzon u tal-mara tiegħu Teresa nee' Tabone, li kienu s-sidien tal-fond *de quo*. Jirriżulta wkoll mir-rirkors promotur illi l-intimat ilu żmien twil jokkupa l-fond de quo taħt titolu ta' kera.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt u għalhekk, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma

Ikoll sidien tal-kera tal-fond *de quo* u li l-intimat huwa effettivament l-inkwilin tal-fond *de quo*.

Ikkonsidrat;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimat Carmel sive Charles Attard kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(5) tal-istess Regolamenti.

Għar-rigward tal-kapital tal-intimat, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li l-intimat Carmel sive Charles Attard għandu propjetà f'Marsascala liema propjetà, skond l-affidavit tiegħu, jgħixu fiha t-tfal tiegħu flimkien ma ommhom. Huwa jiddikjara illi m'għandux il-pussess vakanti ta' din il-propjetà.

Illi r-Regolament 7(a) tar- Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) jistipola illi fil-kalkolu tal-kriterju tal-kapital tal-mezzi għandu jitqies il-valur ta' kull propjetà immobbli li tkun tappartjeni għalkollox lill-persuna li tippretendi l-kirja **biss** jekk dik il-persuna jkollha l-pussess vakanti ta' dik il-proprjetà. Illi mill-kuntratt ta' akkwist eżebit għalkemm jirriżulta illi l-propjetà tappartjeni lill-intimat, mill-affidavit tiegħu jirriżulta illi huwa m'għandux il-pussess vakanti tagħha u b'hekk il-Bord ma jistax iqis din il-propjetà għall-finijiet tal-kalkolu tal-kapital tal-intimat.

Illi b'hekk jirriżulta illi l-intimat **ma jaqbiżx** l-ammont preskritt u stipolat mir-Regolament 6(4) tar-Regolamenti msemmija.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimat Carmel sive Charles Attard ma jeċċedix il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement **jissodisfa** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A(4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f'residenza fil-pjan terran. Il-fond jinsab fi stat *finished* però għandu bżonn dawra tajba.

Illi l-periti tal-Bord, wara li kkonsidraw il-fatturi relatati mal-fond, inkluż il-valur fis-suq ta' propjetajiet simili u, jew, fl-istess żona, l-istat tal-fond kif inhu preżentement, huma tal-fehma li l-valur tal-fond, li kieku mibjugħ volontarjament minn sidu fis-suq ħieles f'Jannar 2021 jekwivali għal mitejn u tletin elf Ewro (€230,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas*

[1] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

> *ta’ kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom”*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimat u tal-età tiegħu, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta’ 2% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta’ erbat’ elef u sitt mitt ewro (€4,600) fis-sena.

Ikkonsidra;

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jitolbu wkoll l-imgħax legali kontra l-intimat.

Illi kif inhu risaput, il-Qrati nostranti kostantement ħaddnu l-prinċipju “*in illiquidis non fit mora*”, ossija li fejn l-ammont m’ huwiex wieħed ċert ma tistax tiskatta l-applikazzjoni ta’ imgħax legali. Illi l-ammonti ta’ kera ġew stabbilit minn dan il-Bord permezz tal-preżenti sentenza u b’hekk m’huwiex lok fejn il-Bord jista’ jilqa’ t-talba għall-applikazzjoni tal-imgħax legali kif qed jitolbu r-rikorrenti.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante illi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri.

2. Jiċħad it-tieni talba stante li l-intimat jissodisfa il-kriterji tat-Test tal-Mezzi.

3. Jilqa' t-tielet talba u jiddikjara illi l-kera tal-fond 56, Triq it-Tramuntana, kantuniera ma Triq ir-Repubblika, Valletta għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 2% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2021 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimat Carmel sive Charles Attard għal-ammont ta' erbat' elef u sitt mitt ewro (€4,600) fis-sena u jordna lill-intimat jibda jħallas lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b'effett mid-data tal-lum bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta' erba' (4) skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta Jannar, April, Lulju u Ottubru ta' kull sena.

4. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**